# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta 5 ta' Lulju 2022

Kumpilazzjoni Numru 52/18

Pulizija

Spettur Doriette Cuschieri

Vs

Emanuel Mangion

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat Emanuel Mangion ta' 55 sena bin il-mejjet Paul u l-mejta Maria nee' Cutajar f'ismu proprja u kif ukoll fin-nom tan-negozjant awtorizzat Dilja Car Importers Limited, imwieled Zurrieq, fl-1 ta'Marzu, 1962 residenti Cuor Di Gesu Vjal L-Indipendenza Zurrieq u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 301262(M)

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex qanqalt tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' aktar minn hames t'elef ewro (ewro 5000), ghad-detriment ta' Maria Abdilla ID 530283(M)
2. Approprajt ruhek , billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hames mitt (ewro 500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (ewro 5000) taht titolu illi jgib mieghu l-obligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat , liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummmerc, kariga, jew servizz tieghek, ghad-dannu ta' Maria Abdilla ID 530283(M)
3. U aktar talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokumenti mahsub ghal xi awrotita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew staqarrija falza jew tajt taghrif falz ghad-dannu ta' Maria Abdilla ID 530283(M) u /jew Transport Malta;
4. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan it-titolu;
5. U aktar talli minghajr l-awttorizzazzjoni tal-Awtorita' jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li tahtha setghet inghatat dik l-awtorizzazzjoni, kellek fil-pussess tieghek , uzajt jew ippermettejt li tintuza jew ghamilt bejgh jew xort' ohra trasferejt jew hrigt jew ippermettejt li tinhareg minn xi depozit tad-Dwana vettura bil-mutur li ma gietx registrata bi-sahha ta' dan l-att u cioe` vettura bin-numru tax-xazi KSP1302035009
6. U aktar talli bil-hsieb li tevadi t-taxxa ta' registrazzjoni dovuta jew li tista' ssir dovuta fl-ammont ta' Eur 1,512.00 inqast milli taghti xi avviz ta' dik l-importazzjoni, dhur jew manifattura ta' vettura bil-mutur bin-numru tax-xazi KSP1302035009 lill-

Awtorita’ jew fi stqarrija li ghamilt lill-Awtorita’ ghall-anijiet ta’ dan l-att tajt taghrif li kont taf li ma kienx korrett jew shih f’xi dettall materjali

7. U aktar tallli ghamilt jew inqast mill taghmel jew ippermettejt li issir jew li tonqos milli ssir xi haga jew xi att bil-hsieb li tevadi jew tipposponi l-hlas tat-taxxa ta’ registrazzjoni fl-ammont ta’ Euro 1,512.00 kontra l-ligi dovut fuq l-importazzjoni ta’ vettura bil-mutur bin-numru ta’ xazi KSP 1302035009
8. U aktar talli bil-hsieb li tevadi t-taxxa tar-registrazzjoni dovuta jew li tista’ tkun dovuta fl-ammont ta’ Eur 1512.00 inqast milli taghti xi avviz ta’ dik l-importazzjoni, dhul jew manifattura ta’ vettura bil-mutur bin-numru tax-xazi KSP1302035009, tajt f’avviz bhal dak jew f’xi stqarrija li ghaddejt lill-Awtorita’ ghall-ghanijiet ta’ dan l-att informazzjoni li int kont taf li kienet skorretta jew mhix kompluta f’kull aspett materjali;
9. U aktar talli ghattejt ghall-ghanejn tan-nies jew biddilt jew hallejt li jigi mibdul in-numru tar- registrazzjoni IBW 174 moghti mill-Awtorita’ u li kien imwahhal bi pjanci fuq il-vettura , jew b’xi mod ma hallejtx li xi hadd jiehu notament ta’ dak in-numru, jew irrfijutajt milli taghti dak in-numru lil kull min setgha jitlobulek;

   U aktar talli hassart jew sfigurajt c-certifikat ta’ registrazzjoni ta’ vettura jew il-licenzja ta’ vettura bil-mutur bin-numru tax-xazi KSP 1302035009 jew biddilt jew hassart dettalji li kienu mdahhla fihom;

10. U aktar talli bil-hsieb li tqarraq, tiffalsifika,tibdel ,tuza, tipproduci,tipprovdi jew tibghat dokumenti ta’ vetturi bil-mutur godda jew uzati bin-numru tax-xazi KSP1302035009, jew ghamilt stqarrija li kont taf li kienet falza jew hassart jew sfigurajt certifikat ta’ registrazzjoni;
11. U aktar talli b’kitbna , tpingija jew b’mod iehor, biddilt, hassart, sfigurajt jew zidt xi haga f’licenzja ta’ vettura bil-mutur

bin-numru tax-xezi KSP1302035009 jew wehhilt fuq l-istess vettura diska ta' licenzja li kient giet mibdula, thassret, giet sfigurata jew li gie mizjud xi haga fiha;

12. U aktar talli ghamilt uzu minn marka ta' registrazzjoni xorta ohra minn dik moghtija mill-Awtorita' dwar vettura bil-mutur bin-numru tax-xezi KSP1302035009;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputazzjonijet gew moqrija fl-10 ta' Ottubru 2021 fejn sar l-ezami tal-imputat fejn iddikjara li mhux hati;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-30 ta Marzu 2022 fejn ghall-finijet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali indika l-artikoli tal-Ligi li abbazi taghhom hemm mahsubn li tista' tinstab htija u cioe`:

1. Fl-artikoli 17,18 308,309,310 u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta
2. Fl-artikoli 17,18,23,293,294 u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. Fl-artikoli 17,18,23,188 u 533 tal-Kodici Kriminali Kap9 tal-Ligijet ta' Malta
4. Fl-artikoli 17,18,23, 189 189 A u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. Fl-artikoli 17,18,23, u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 21,22A u 22 tal-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta

6. Fl-artikoli 17,18,23, u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fl-artikoli 21,22A u 22 tal-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-licenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur Kap 368 tal-Ligijiet ta’Malta
7. Fl-artikoli 17,18,23, u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fl-artikoli 21,22A u 22 tal-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-licenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur Kap 368 tal-Ligijet ta’ Malta
8. Fl-artikoli 17,18,23, u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fl-artikoli 21,22A u 22 tal-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-licenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur Kap 368 tal-Ligijiet ta’ Malta
9. Fl-artikoli 17,18,23, u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fl-artikoli 27,53,55 u 62 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta’ Malta
10. Fl-artikoli 17,18,23, u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fl-artikolu 44 tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta’ Malta
11. Fl-artikoli 17,18,23, u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fl-artikolu 44 tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta’ Malta
12. Fl-artikoli 17,18,23, u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fl-artikolu 44 tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta’ Malta
13. Fl-artikoli 17,18,23, u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fl-artikolu 44 tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta’ Malta
14. Fl-artikoli 17,18,23, u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fl-artikolu 44 tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal- 5 ta' April, 2022 iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li jigi deciz il-kaz tieghu min din il-Qorti kif presjeduta;

Ghalhekk il-Qorti ikkonvertiet ruha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Xehdet Maria Jazar li ezebiet diversi dokumenti.

Giet iddikjarata il-Prima Facie.

Semghet ix-xhieda kollha u rat il-provi u d-dokumenti kollha.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fil-5 ta' Lulju 2022.

**Ikkunsidrat**

Rat ix-xhieda ta' Maria Jazar dwar ic-cirkostanzi tar-rapport taghha lill-Pulizija u li ezebiet diversi dokumenti u xehdet li l-imputat radt lura l-ammont ta' Euro 8300 qabel ma inbdiet il-kawza.

Rat ix-xhieda ta' Arthur Mercieca rigwardanti l-investigazzjonijiet tieghu dwar il-kaZ meta kien Spettur tal-Pulizija.

Rat ix-xhieda ta' Brian Farrugia in rappresentanza ta' Transport Malta rigwardanti l-investigazzjonijiet taghhom dwar dan il-kaz.

Rat ix-xhieda ta' L-Ispettur Doriette Cuschiri rigwardanti l-investigazzjoni taghha rigwardanti dan il-kaz.

Rat ix-xhieda ta' George Stagno Navarro in rapprezentanza ta' Elmo Insurance limited li ezebixxa Dok GSN1-GSN3.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet dedotti kontrih u mix-xhieda prodotta jidher li t-terzi involuti gew rezarciti sa minn qabel ma inbdew il-proceduri odjerni.

Illi ma ingabet l-ebda prova ta' hlas lil xi espert ai termini tal-artikolu 553 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi kollha issib l-imputat hati tat-13-il imputazzjoni fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin ai termini tal-artikolu 28 A a tal-Kap 9 , tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll multa ta'ewro elf u hames mija ( Ewro 1,500) pagabbli fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-portata ta' sentenza sospiza.

Illi ma ingabu l-ebda provi rigwardanti artikolu 553 tal-Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah l-imputat minn kull htija u piena rigwardanti l-istess.

Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur